Onorevoli Viċi Prim Ministru, Eċċelenzi, Sinjuri,

Meta ġie ffirmat it-Trattat ta' Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007, ħafna minna ħsibna li l-Unjoni Ewropea kienet sabet soluzzjoni għall-kriżi li nħolqot meta l-poplu Franċiż u dak Olandiż ivvutaw kontra r-ratifika tat-Trattat għall-Kostituzzjoni għall-Ewropa tal-2004. Fil-fatt, wara r-referenda fi Franza u l-Olanda f'Ġunju 2005, wara perjodu ta' riflessjoni, eżattament sentejn wara, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jibdew in-negozjati għal Trattat ġdid li jieħu post dak hekk imsejjaħ "kostituzzjonali".

It-Trattat ta' Liżbona żamm bosta mill-elementi tat-Trattat tal-2004. Forsi l-ikbar differenza kienet waħda semantika, jiġifieri n-nuqqas ta' referenza għall-kelma "kostituzzjoni" fit-Trattat il-ġdid. Id-dibattitu dwar x'tip ta' Unjoni Ewropea nixtiequ dejjem sab kuntrast bejn il-federalisti - li jsostnu mudell ta' Unjoni simili għall-Istati Uniti tal-Amerika jew tal-Ġermanja - u dawk li jippreferu entità li tippreżerva n-nozzjoni tal-Istat Nazzjon u għaldaqstant, l-UE bħala organizzazzjoni internazzjonali fejn Stati sovrani jiddeċiedu li jaħdmu flimkien f'ċerti oqsma partikolari. Sinifikanti wkoll, per eżempju, li l-ħsieb li l-UE ikollha Ministru għall-Affarjiet Barranin li nsibu fit-Trattat tal-2004, f'dak ta' Liżbona jiġi kategorizzat b'mod differenti: Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà.

Għalhekk konna ħsibna li t-Trattat ta' Liżbona kellu jegħleb l-istadju tal-proċess tar-ratifika mingħajr diffikultajiet. Iżda nafu li nqala' ntopp meta l-poplu tar-Repubblika Irlandiża, fejn hu meħtieġ kunsens popolari għal ratifika ta' trattati bħal dak ta' Liżbona, ivvota kontra r-ratifika f'Ġunju tas-sena l-oħra. Biex jippruvaw joħorġu lill-Ewropa minn sitwazzjoni ta' falliment ieħor ta' trattat ta' riforma, il-mexxejja tal-UE qablu li għandu jinżamm il-prinċipju ta' Kummissarju wieħed għal kull Stat Membru, u li jidħlu garanziji għall-Irlanda fuq l-abort, it-tassazzjoni u n-newtralità meta jiġi ffirmat trattat ieħor, probabbilment trattat ta' sħubija ma' pajjiż kandidat. Ilkoll nafu li abbażi ta' dan il-ftehim, il-poplu Irlandiż reġa' ġie msejjaħ biex jivvota fuq ir-ratifika tat-Trattat, eżattament ġimgħa ilu u din id-darba, 67.1% ivvutaw favur waqt li vvutaw 32.9% kontra.

Għalhekk dehrilna li dan hu żmien tajjeb biex f'pajjiżna wkoll, nirriflettu fuq il-futur tal-UE fid-dawl tat-tibdiliet li se jseħħu bit-Trattat ta' Liżbona. Tassew li jonqos żewġ pajjiżi oħra biex jintemm il-proċess tar-ratifika. Il-President Pollakk se jagħti l-kunsens tiegħu fil-ġranet li ġejjin. Fir-Repubblika Ċeka, is-sitwazzjoni hi inqas ċara għalkemm jidher li l-pressjoni fuq il-President Vaclav Klaus qed tikber. Jumejn ilu, il-Prim Ministru Jan Fischer qal li kien fiduċjuż li pajjiżu jkun irratifika t-Trattat sal-aħħar ta' din is-sena.

F'din il-Konferenza, ħsibna li niffukaw fuq żewġ aspetti partikolari tat-Trattat ta' Liżbona: It-tibdiliet istituzzjonali (nazzarda nsejħilhom "kostituzzjonali") u l-aspett tal-personalità internazzjonali tal-Unjoni Ewropea. Kif taraw mill-programm, ser nikkunsidraw dawn iż-żewġ aspetti mid-diversi angoli tagħhom. Wara d-diskors tal-ftuħ mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarjiet Barranin, l-Onorevoli Dott. Tonio Borg, il-Professur Roderick Pace se jagħtina l-analiżi tiegħu tal-vot fl-Irlanda ta' ġimgħa ilu. Ikun imiss lill-Ambaxxatur Svediż għal Malta, l-E.T. Ulla Gudmundson, li bħala rappreżentant tal-pajjiż li bħalissa jippresiedi l-Kunsill tal-UE, taqsam magħna xi riflessjonijiet. Għandna pjaċir ukoll li nilqgħu fostna lil Richard Crowe, espert ġuridiku fl-istituzzjonijiet Ewropej li se jkellimna propju dwar l-implikazzjonijiet tat-Trattat għall-Istituzzjonijiet. Onorati wkoll bis-sehem tal-Ambaxxatur tal-Istati Uniti, l-E.T. il-Prof. Douglas W. Kmiec, li ser jittratta l-UE mill-perspettiva Amerikana.

Fid-diskussjoni dwar il-futur tal-UE, li se tkun immexxija minn Dun Joe Borg, se jieħdu sehem membri tal-parlament Malti u tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta u ġurnalist ewlieni. Onorati wkoll li l-Prim Ministru, l-Onorevoli Dott. Lawrence Gonzi aċċetta li jagħlaq din il-konferenza bid-diskors tiegħu.

Nittama li l-attività tal-lum terġa' tqajjem interess mhux tant fit-Trattat ta' Liżbona daqskemm fil-futur tal-UE li hu l-futur tagħna lkoll.